DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 7 ta' Jannar 2016

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 008/2016

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Ċentri tal-Kindergarten tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat –
Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u Uffiċjal Edukattiv tal-Malti

**Suġġett:** Taħriġ għal KGAs, LSAs u għalliema tal-Primarja fil-metodoloġija tal-programm ta' qari għall-gost 'Aqra Miegħi/Read with Me' tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol qiegħda tħabrek biex issaħħaħ il-programm nazzjonali **Aqra Miegħi/Read with Me**. Dan il-programm, li jagħmel parti mill-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd qed ixerred it-tagħlim tal-litteriżmu fis-snin bikrin kruċjali ta' bejn it-twelid u t-tliet snin. Il-programm tfassal bil-ħsieb li jsiru attivitajiet interattivi u ferriħija regolarment ta' litteriżmu u numeriżmu għat-trabi u t-tfal żgħar flimkien mal-ġenituri, in-nanniet jew il-kustodji tagħhom. Dawn is-sessjonijiet isiru bil-Malti jew bl-Ingliż b'kollaborazzjoni mal-entità Libreriji Maltin. Bħalissa l-programm qed jitħaddem f'madwar ħamsin ċentru madwar Malta u Għawdex.

L-animaturi jrid ikollhom ir-rieda u l-ħeġġa li jħajru lit-tfal u lil min ikun qed jieħu ħsiebhom jieħdu sehem attiv f'għadd ta' attivitajiet interattivi ta' qari għall-gost. Min huwa interessat jibda jagħti almenu sessjoni kull ġimgħa huwa mistieden jattendu għal taħriġ li se jsir apposta fl-**20 ta' Jannar 2016, fl-4:00 pm, fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun.** Il-kors ta' taħriġ se jsir mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bi sħab maċ-Ċentru tal-Litteriżmu tal-Università ta' Malta.

**Kull min hu interessat għandu jibgħat ittra elettronika bid-dettalji tiegħu lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fl-indirizze aqra.storja@ilearn.edu.mt jew iċempel 2598 2990 sat-18 ta' Jannar 2016.** Min jixtieq ikun jaf aktar fuq il-programm jista' jżur il-paġna tal-facebook: **Aqra Miegħi/Read with me**

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**